MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 585/2009

WE Advertise Limited (C31536).

Vs

Mario Scerri (Id. 136958M) ezercenti l-kummerc f'isem The House Keeper.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' hames mija, disa u erbghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€549.73) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' reklami mxandra waqt il-programm 'Pjazza' fuq l-istazzjon televiziv pubbliku TVM matul l-iskeda tas-sajf tas-sena elfejn u seba' (2007), u minkejja li gie interpellat diversi drabi biex ihallas, huwa baqa inadempjenti. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 26 ta' Marzu 2009 u bl-imghax legali mid-data tal-fattura mahruga fil-25 ta' Ottubru 2007 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija, disa u erbghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€549.73) bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------